

Brussell, 27 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10729/22

POLMAR 43
POLGEN 102
COMAR 42
ENV 676
ENER 340
MAR 137
MARE 54
PECHE 235
RELEX 897
SUSTDEV 118
TRANS 451

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	JOIN(2022) 28 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli - Komunikazzjoni Konġunta dwar l-aġenda tal-UE għall-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument JOIN(2022) 28 final.

Mehmuż: JOIN(2022) 28 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 24.6.2022
JOIN(2022) 28 final

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli - Komunikazzjoni Konġunta dwar l-aġenda
tal-UE għall-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani**

{SWD(2022) 174 final}

INTRODUZZJONI

L-oċean huwa vitali għall-ħajja fid-Dinja, u jgħib benefiċċji u servizzi imprezzabbli għan-nies u għall-pjaneta kollha. Għandu rwol kruċjali fir-regolamentazzjoni tal-klima, jipprovdi aktar ossiġenu mill-foresti kollha f'daqqa u huwa essenzjali fl-indirizzar ta' sfidi globali urġenti bħas-sigurtà tal-ikel, l-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. Huwa parti mill-wirt soċjali u kulturali tal-komunitajiet kostali u huwa essenzjali għall-kummerċ internazzjonali, peress li aktar minn 80 % tal-kummerċ globali jiġi ttrasportat bil-baħar u madwar żewġ terzi tal-provvista dinjija taż-żejt u tal-gass jew tiġi mill-baħar jew tiġi ttrasportata bil-baħar. Madankollu, l-oċean ta' spiss jiġi injorat. Jintuża għal skopijiet illegali bħall-piraterija, it-terroriżmu jew is-serq armat fuq il-baħar, it-traffikar tal-bnedmin, is-sustanzi illeċiti u l-kuntrabandu tal-armi.

Il-governanza internazzjonali tal-oċeani tistinka biex tindirizza l-ħafna sfidi li jirriżultaw mir-rwol multidimensjonali u interkonness tal-oċean. Fl-2016, l-**Unjoni Ewropea** kienet l-**ewwel ekonomija ewlenija** li nediet Aġenda għall-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani¹ u impenjat ruħha għal oċean sikur, sigur, nadif, b'saħħtu u ġestit b'mod sostenibbli. Filwaqt li l-UE għadha soda, diversi żviluppi minn dak iż-żmien 'l hawn jiġġustifikaw Aġenda aġġornata.

L-ewwel nett, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali huma fost il-prijoritajiet politiċi ewlenin tal-UE. L-oċean huwa inkorporat fil-**Patt Ekoloġiku Ewropew** u fil-viżjoni għal **Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja** u huwa kwistjoni globali li teħtieġ rispons multilaterali.²

It-tieni, id-degradazzjoni tal-oċean qiegħda taċċellera peress li attivitajiet umani mhux sostenibbli u l-impatt dannuż tagħhom qed ikomplu jiddegradaw l-oċean u dan qed iwassal għal bidliet profondi bir-riskju li jintlaħqu **punti kritiċi**. L-istat ta' emerġenza tal-oċean huwa mtenni fit-**twettiq limitat tal-impenji globali rilevanti**, b'mod partikolari l-Miri ta' Aichi skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU u l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14 tagħha (SDG14 - Il-Ħajja taħt l-Ilma).

It-tielet, l-oċean huwa fost l-areni ġeopolitiċi ewlenin tad-dinja kif muri miż-żieda reċenti fit-tensjonijiet fil-Lvant tal-Mediterran u fil-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar, bl-Istati Membri jitolbu li jiġu rispettati l-integrità territorjali u d-drittijiet tan-navigazzjoni kif ukoll li tinstab soluzzjoni paċifika għat-tilwim. L-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna qiegħda taffettwa l-istabbiltà globali u s-sigurtà tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed u qiegħda tqajjem tħassib dwar l-imprikazzjonijiet marittimi tagħha.

Ir-raba', l-oċean kiseb forza politika fil-livell globali u l-2022 hija sena kruċjali għall-oċean fejn qed isiru diversi negozjati ewlenin³ u konferenzi dwar l-oċeani⁴. L-oċean sar aktar prominenti f'dibattiti internazzjonali dwar il-klima u l-bijodiversità. Il-kriżi tal-baħħara, li ġiet aggravata mill-pandemija tal-COVID-19, enfasizzat l-importanza tad-dimensjoni soċjali, jiġifieri tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien deċenti għall-baħħara.⁵ Il-kwistjoni tan-nuqqas ta' konformità mar-regoli u mal-istandards maqbula fuq livell internazzjonali minn xi

¹ JOIN(2016) 49 final

² COM(2019) 640 final; JOIN(2021) 3 final

³ Negozjati dwar Trattat dwar l-Ibħra Internazzjonali (BBNJ), qafas globali tal-bijodiversità għal wara l-2020, u projbizzjoni ta' sussidji tas-sajd li jagħmlu l-ħsara fid-WTO, konklużi fis-16 ta' Ġunju 2022.

⁴ One Ocean Summit (mid-9 sal-11 ta' Frar 2022, Brest), is-seba' konferenza "L-Oċean Tagħna" (it-13 u l-14 ta' April 2022, Palau), it-tieni Konferenza tan-NU dwar l-Oċean (mis-27 ta' Ġunju sal-1 ta' Lulju 2022, Liżbona)

⁵ [wcms_760649.pdf \(ilo.org\)](https://www.wcms_760649.pdf)

Stati, li tirriżulta f'kompetizzjoni inġusta u li toħloq distorsjoni fil-kundizzjonijiet ekwi għad-detriment tal-partijiet ikkonċernati tal-UE, ukoll kisbet attenzjoni fuq livell internazzjonali. Ir-reġistri miftuħa huma każ partikolari.

Bl-akbar Żona Ekonomika Esklużiva kkombinata fid-dinja u meta jitqiesu l-iżviluppi msemmija hawn fuq, **huwa essenzjali li l-UE u l-Istati Membri tagħha jafferu mill-ġdid u jaġġornaw l-impenn tagħhom lejn governanza mtejbja tal-oċeani.**

Theddid għall-oċean⁶

- *L-ispeċijiet tal-baħar qed jisparixxu b'darbtejn ir-rata ta' dawk fuq l-art minħabba t-tiħin.*
- *34,2 % tas-sajd tal-baħar fid-dinja huwa soġġett għal sajd eċċessiv.*
- *Matul dawn l-aħħar erbgħin sena, l-Artiku tilef żona tas-silġ ta' madwar sitt darbiet id-daqs tal-Ġermanja.*
- *Aktar minn 99 % tal-iskolli tal-qroll jintilfu b'tiħin ta' 2°C.*
- *Kull sena jiġu prodotti 300 miljun tunnellata ta' skart tal-plastik. Madankollu, 9 % biss jiġi rriċiklat.*
- *Il-livell medju tal-baħar se jkompli jiżdied għal madwar 0,3 metru sal-2050 u għal żewġ metri sal-2100 taħt ix-xenarju ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għoljin ħafna – bir-riskju ta' spostament furzat tal-bnedmin – sa 340 miljun persuna sal-2050 u 630 miljun persuna sal-2100.*

OBJETTIVI

Filwaqt li tibni fuq l-Aġenda Internazzjonali dwar il-Governanza tal-Oċeani tal-2016 u l-proċess ta' konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati tal-oċeani,⁷ l-UE se tieħu rwol saħansitra aktar attiv fil-governanza internazzjonali tal-oċeani u fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU u l-SDG 14 tagħha billi:

- ssaħħaħ il-qafas internazzjonali tal-governanza tal-oċeani fil-livelli **globali, reġjonali u bilaterali**;
- tagħmel is-**sostenibbiltà** tal-oċeani realtà sal-2030 billi tieħu approċċ koordinat u komplementari għall-isfidi komuni u l-impatti kumulattivi;
- tagħmel l-oċean spazju **sikur** u **sigur** peress li l-kompetizzjoni fl-ilmijiet internazzjonali u l-isfidi għall-ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli qed jiżdiedu;
- tibni **għarfien** internazzjonali dwar l-oċeani għat-teħid ta' deċizzjonijiet ibbażat fuq l-evidenza biex jirriżulta f'azzjoni għall-protezzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-oċean.

PRIJORITAJIET EWLENIN TAL-UE DWAR IL-GOVERNANZA INTERNAZZJONALI TAL-OĊEANI⁸

⁶ Pinsky, M.L., Eikeset, A.M., McCauley, D.J. *et al.* Greater vulnerability to warming of marine versus terrestrial ectotherms. *Nature* 569, 108–111 (2019); FAO. 2020. *The State of World Fisheries and Aquaculture 2020. Sustainability in action.* Ruma; IPCC AR6 WG1; [New elevation data triple estimates of global vulnerability to sea-level rise and coastal flooding | Nature Communications](#)

⁷ Permezz ta' [konsultazzjoni online mmirata](#); [Sejħa għal evidenza](#) – ara “Synopsis of consultation activities on updating the International Ocean Governance Aġenda”; il-Forum Internazzjonali tal-UE dwar il-Governanza tal-Oċean.

⁸ Hemm aktar azzjonijiet elenkati fl-anness ta' din il-Komunikazzjoni Konġunta

It-twaqqif u t-treġġigħ lura tat-telf tal-bijodiversità tal-baħar:

- Jiġi konkluż Trattat ambizzjuż tan-NU dwar l-Ibħra Internazzjonali (diversità bijoloġika lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali) mill-aktar fis possibbli
- Jintlaħaq qafas globali ambizzjuż tal-bijodiversità għal wara l-2020 bi 30 % taż-żoni tal-baħar protetti (MPAs) sal-2030
- Jiġu stabbiliti żoni tal-baħar protetti (MPAs) ġodda fuq skala kbira fl-Oċean tan-Nofsinhar

Il-protezzjoni ta' qiegħ il-baħar:

- Issir projbizzjoni għat-tħaffir fil-baħar fond sakemm jimtlew kif xieraq il-lakuni xjentifiċi, ma jirriżulta l-ebda effett ta' ħsara mill-estrazzjoni u l-ambjent tal-baħar ikun protett b'mod effettiv
- Issir regolamentazzjoni, fejn meħtieġ, dwar l-użu ta' rkaptu tas-sajd li huwa l-aktar ta' ħsara għad-diversità bijoloġika

L-iżgurar ta' sajd u ta' akkwakultura sostenibbli:

- Jiġi segwit approċċ ta' tolleranza żero kontra s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat (IUU)
- Isir żvilupp fuq il-ftehim globali tad-WTO dwar sussidji ta' ħsara għas-sajd konkluż f'Ġunju 2022 u jsir sforz għat-tisħiħ tiegħu bl-elementi li għadhom mhux maqbula
- Issir reviżjoni tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-UE għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura

Żgurar tal-konformità mar-regoli u mal-istandards internazzjonali:

- Jiġi promoss l-issodisfar tar-responsabbiltajiet tal-Istati tal-bandiera minn dawk li jaġixxu bħala reġistri miftuħa

Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima għal oċean b'saħħtu:

- Tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050, inkluż id-dekarbonizzazzjoni tas-sajd u ta' attivitajiet marittimi oħra
- Tiġi ppreżervata l-funzjoni tal-karbonju blu tal-oċean
- Qabel ma jsir avvanz fi kwalunkwe applikazzjoni ġdida ta' ġeoinginerija għat-tneħħija tad-diossidu tal-karbonju, tiġi żgurata bażi xjentifika adegwata li fuqha jiġu ġġustifikati tali attivitajiet u ssir kunsiderazzjoni xierqa tar-riskju u l-impatti assoċjati

Il-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar:

- Sal-2024 jiġi konkluż Ftehim Globali dwar il-Plastik li jkun ambizzjuż u vinkolanti

Jiżdied l-għarfien dwar l-oċeani:

- Jiġi mħeġġeġ il-ħolqien ta' interfaċċa intergovernattiva bejn ix-xjenza u l-politika għas-sostenibbiltà tal-oċeani, bl-għan li jiġi stabbilit Bord Intergovernattiv għas-Sostenibbiltà tal-Oċeani (IPOS)

Investiment fl-oċean:

- Isir investiment sa EUR 1 biljun għall-bijodiversità u l-klima tal-oċeani u kostali, inkluż għall-ibħra internazzjonali (2021-2027)
- Jiġu pprovdu EUR 350 miljun fis-sena għar-riċerka dwar l-oċeani (Orizzont Ewropa 2021-2027)

L-għodod tal-UE għall-governanza internazzjonali tal-oċeani

Fix-xena globali, l-UE hija rikonoxxuta bħala promotur ta' reazzjonijiet multilaterali kkoordinati għall-problemi globali u bħala sostenitur tas-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli. L-oċean jeħtieġ approċċ kollettiv ibbażat fuq id-dispożizzjonijiet tad-dritt

internazzjonali, bil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) fil-qalba tiegħu.⁹ Permezz tal-ingranaġġ politiku u diplomatiku tagħha msejjes fuq iż-żamma tad-drittijiet u l-valuri fundamentali kif ukoll il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli f'konformità mal-Aġenda 2030 u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDGs) tagħha, l-UE tagħxi ta' medjatur onest, tibni rabtiet u hija **forza xprunatriċi fin-negozjati, fil-fora u fil-proċessi** internazzjonali biex b'hekk tappoġġa d-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet essenzjali għal governanza sostenibbli tal-oċeani.

F'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, mal-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Multilateraliżmu, mal-Kumpass Strateġiku tal-UE u l-politika tal-UE għal Artiku paċifiku, sostenibbli u prosperuż, u mal-istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku,¹⁰ l-UE ssegwi **sħubijiet u alleanzi** ma' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet multilaterali u reġjonali, inkluż organizzazzjonijiet internazzjonali li jstabbilixxu n-normi, billi tuża s-setgħa finanzjarja u regolatorja tagħha, u atturi mhux statali bħall-NGOs, l-operaturi ekonomiċi, il-komunità xjentifika u s-soċjetà ċivili b'mod ġenerali. Hija tagħmel dan permezz ta' **djalogi reġjonali u bilaterali, kooperazzjoni** għall-iżvilupp relatat mal-oċeani,¹¹ **sensibilizzazzjoni u inizjattivi speċifiċi, bini ta' koalizzjonijiet** dwar prijoritajiet ewlenin u l-(ko)ospitar ta' **avvenimenti globali ta' diversi partijiet ikkonċernati** biex jiġi **mobilizzat u sostnut** ulterjorment **il-momentum** għal azzjoni globali.

Permezz tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropa (EUMSS) u l-Pjan ta' Azzjoni rivedut tagħha¹² żviluppata biex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza fuq il-baħar, l-UE tindirizza l-isfidi li jaffettwaw is-sigurtà tal-oċeani bħall-kriminalità transfruntiera u organizzata, it-theddid għal-libertà tan-navigazzjoni, it-theddid għall-bijodiversità, l-isfidi tas-sigurtà klimatika jew id-degradazzjoni ambjentali minħabba skariki illegali jew aċċidentali.

L-UE temmen li t-tmexxija bl-eżempju tista' tispira l-progress u tgħin biex tinħoloq viżjoni kondiviża għall-iżvilupp ta' approċċ sostenibbli għall-ġestjoni tal-oċeani madwar id-dinja u tirrikonoxxi li **tmexxija vera tibda mid-dar**. Dan huwa rifless b'mod partikolari fil-politika tas-sajd tal-UE bbażata fuq Politika Komuni tas-Sajd riformata kif ukoll f'azzjonijiet kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU); L-approċċ tal-UE għal ekonomija blu sostenibbli; id-Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (MSP); il-qafas tal-baċir tal-baħar u dak makroreġjonali; il-politika ambjentali tagħha li tirreferi b'mod partikolari għad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina tal-UE (MSFD), l-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030, il-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero u l-proposta għal Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura; il-politika tagħha dwar il-klima li, b'mod partikolari, hija bbażata fuq il-Liġi tal-UE dwar il-Klima, il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" u l-istrateġija ta' adattament; il-leġiżlazzjoni tagħha dwar is-sigurtà tat-trasport marittimu; u azzjoni dwar id-*data*, l-osservazzjoni u r-riċerka, b'mod partikolari taħt il-komponent Copernicus tal-programm

⁹ Il-governanza globali tal-oċeani hija bbażata fuq l-UNCLOS, il-qafas legali ġenerali li fih iridu jitwettqu l-attivitajiet kollha tal-oċean, u ż-żewġ ftehimiet ta' implimentazzjoni tiegħu i) Ftehim relatat mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tal-UNCLOS tal-10 ta' Diċembru 1982; ii) Il-Ftehim tan-NU għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-UNCLOS tal-10 ta' Diċembru 1982 relatat mal-Konservazzjoni u mal-Maniġġar ta' Stokkijiet ta' Ħut Trans-Żonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna.

¹⁰ JOIN(2021)3 final; [strategic_compass_en3_web.pdf\(europa.eu\)](#); JOIN(2021) 27 final; JOIN(2021) 24 final

¹¹ Permezz tal-NDICI. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma fost l-aktar donaturi importanti ta' għajjnuna għall-iżvilupp relatata mal-oċeani u fost l-aktar kontributori volontarji importanti għal organizzazzjonijiet/proċessi internazzjonali: mill-2014 sal-2020, ġew impenjati aktar minn EUR 1 biljun fi ħdan il-politika tal-iżvilupp tal-UE għall-promozzjoni tal-governanza tal-oċeani f'pajjiżi terzi.

¹² 11205/14

spazjali tal-UE, il-programm ta' finanzjament tar-Riċerka u l-Innovazzjoni "Orizzont Ewropa 2021-2027" u l-Missjoni Ewropea "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna sal-2030".¹³

1. IT-TISĦIĦ TAL-QAFAS TA' GOVERNANZA INTERNAZZJONALI TAL-OĊEANI

Il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar huma prijoritajiet ewlenin skont l-azzjoni esterna tal-UE sabiex jintlaħaq l-istrument internazzjonali legalment vinkolanti futur skont l-UNCLOS dwar id-**diversità bijoloġika tal-baħar lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali** (BBNJ) u l-qafas globali tal-bijodiversità għal wara l-2020, inkluża l-**"mira ta' protezzjoni ta' 30 % sal-2030"** proposta skont il-KDB. L-ambizzjoni tal-UE hija li tilħaq **ftehim vinkolanti internazzjonali** dwar il-BBNJ fl-2022, u li tiżgura r-ratifika u l-implimentazzjoni effettivi tiegħu. Minbarra l-involvement attiv tagħha fin-negozjati, l-UE wasslet, permezz tal-isforzi tagħha għad-Diplomazija dwar l-Oċeani, għall-istabbiliment ta' Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Kbira dwar il-BBNJ¹⁴ biex jitrawwem ftehim ambizzjuż, ġust u effettiv. Barra minn hekk, permezz tal-ingranaġġ diplomatiku u tal-outreach tagħha, hija tkompli tgħin fil-ksib ta' ftehim dwar **id-deżinjazzjoni ta' Żoni tal-Baħar Protetti (MPAs) ġodda fl-Oċean tan-Nofsinhar** bħala kontribut importanti għall-għan tal-protezzjoni ta' 30 % sal-2030.

Dwar **l-estrazzjoni minerarja f'qiegħ il-baħar fond**, hemm kunsens wiesa' fil-komunità xjentifika u fost l-Istati¹⁵ li l-għarfien relatat mal-ambjent tal-baħar fond u l-impatti tal-estrazzjoni ma humiex komprensivi biżżejjed biex jippermettu t-teħid ta' deċiżjonijiet abbażi tal-evidenza biex wieħed jipproċedi b'mod sikur bl-isfruttament.¹⁶ L-UE se tkompli tippromwovi l-projbizzjoni tal-estrazzjoni minerarja fil-baħar fond sakemm dawn il-lakuni xjentifiċi jimtlew kif xieraq, u jkun jista' jintwera li ma hemm l-ebda effett ta' ħsara mill-estrazzjoni u, kif meħtieġ skont l-UNCLOS, id-dispożizzjonijiet meħtieġa fir-regolamenti dwar l-isfruttament għall-protezzjoni effettiva tal-ambjent tal-baħar ikunu fis-seħħ. L-UE se tkompli tikkontribwixxi għan-negozjati tar-regolamenti dwar l-isfruttament fl-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar (ISA) biex jinkiseb qafas b'saħħtu għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, inklużi standards u linji gwida għal valuri ta' limitu u standards normattivi. B'mod parallel, l-UE qed tappoġġa r-riċerka biex ittejjeb l-għarfien dwar l-ekosistemi tal-baħar fond u dwar it-teknoloġiji ta' monitoraġġ u ta' sorveljanza.

L-UE titlob u lesta tappoġġa l-ogħla standards internazzjonali fir-rigward tat-**trasparenza, il-governanza tajba u l-inklużività tal-partijiet ikkonċernati** fl-organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-ISA u d-WTO.

L-attivajiet tas-sajd għandhom jirrispettaw il-prinċipji ta' konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar u tal-ekosistemi tal-baħar.

Billi tiegħu approċċ ta' "tolleranza zero" kontra **s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU)**, l-UE għandha l-għan li toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi onesti u li tappoġġa l-konformità mar-regoli ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni li għandhom l-għan li

¹³ Ir-Regolament 1380/2013; Ir-Regolament 1005/2008; COM(2021) 240; Id-Direttiva 2014/89/UE; 2008/56/KE; COM(2020) 380; COM(2021) 400; Ir-Regolament (UE) 2021/1119; COM(2021) 550; COM(2021) 82; Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004; Id-Direttiva 2005/65/KE

¹⁴ [Protecting the ocean, time for action \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/euipo/protecting-the-ocean-time-for-action)

¹⁵ <https://www.iucncongress2020.org/motion/069>

¹⁶ [World Economic forum, Decision-Making on Deep-Sea Mineral Stewardship: A Supply Chain Perspective, WHITE PAPER, APRIL 2022](#); [D. Amon et al., 2022. Assessment of scientific gaps related to the effective environmental management of deep-seabed mining, 138 Marine Policy.](#); [Miller et al., 2018. An Overview of Seabed Mining Including the Current State of Development, Environmental Impacts, and Knowledge Gaps.](#)

jużaw ir-riżorsi tas-sajd b' mod sostenibbli. Permezz tad-djalogi tagħha dwar is-sajd IUU ma' pajjiżi mhux tal-UE, ibbażati fuq ir-Regolament IUU, l-UE tiżgura wkoll li l-pajjiżi jirrispettaw l-obbligi internazzjonali tagħhom.

Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) jipprovdu qafas solidu għall-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi sħab magħżula mhux tal-UE u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-politiki tal-baħar, il-politiki marittimi u l-politiki tas-sajd inklużi l-aspetti ambjentali, soċjali u kummerċjali.

L-UE kellha rwol ewlieni fit-12-il Konferenza Ministerjali tad-WTO fl-iżgurar ta' ftehim biex jiġu pprojbiti sussidji ta' ħsara għas-sajd, f'konformità mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU 14.6 (SDG 14.6). B' mod partikolari, l-UE saħqet b' suċċess li jkun hemm rikonnoxximent ta' rabta bejn il-ġestjoni sostenibbli tas-sajd u l-abbiltà li jkun hemm sussidju għas-sajd fir-rigward ta' stokkijiet mistgħada żżejjed, projbizzjoni assoluta ta' sussidji li jikkontribwixxu għas-sajd IUU, dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ibħra internazzjonali li ma humiex ġestiti minn organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMO) u rekwiżiti ta' trasparenza b' saħħithom. L-UE se jibqa' jkollha rwol ewlieni fin-negożjati kontinwati għal dixxiplini addizzjonali tad-WTO dwar sussidji li jikkontribwixxu għall-kapaċità żejda u s-sajd żejded, f'konformità mal-SDG 14.6.

L-UE hija l-aktar attur prominenti fl-**Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (ORGS)** u fil-korpi tas-sajd madwar id-dinja. Hemmhekk, l-UE tippromwovi s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut, tippromwovi t-teħid ta' deċizzjonijiet trasparenti abbażi ta' parir xjentifiku sod, ittejjeb ir-riċerka xjentifika, u ssaħħa il-konformità.

Il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar tal-Artiku, inklużi l-istokkijiet tal-ħut, huma kruċjali wkoll. L-UE, bħala Parti fil-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali, hija impenjata għall-implimentazzjoni sħiħa tiegħu.¹⁷

Skont l-Istrateġija tagħha għall-Bijodiversità għall-2030, l-UE qiegħda taħdem fuq "Pjan ta' Azzjoni" biex tippreżerva r-riżorsi tas-sajd u tipproteġi l-ekosistemi tal-baħar u fuq miżuri biex tillimita l-impatt tas-sajd, inkluż fuq qiegħ il-baħar, u tikkontribwixxi għall-miri ambjentali.

Il-protezzjoni ambjentali tal-baħar hija kkoordinata b' mod reġjonali permezz tal-involviment tal-UE fil-Konvenzjonijiet Reġjonali tal-Baħar (RSCs), b' mod partikolari permezz tar-rabtiet qawwija mal-implimentazzjoni proprja tal-UE tal-MSFD, biex b'hekk jiġi żgurat li kemm l-Istati Membri tal-UE kif ukoll pajjiżi terzi jaspiraw għal ambizzjoni ekwivalenti ta' protezzjoni tal-ibħra u l-oċean.

L-UE għandha relazzjonijiet mill-qrib ma' diversi sħab bħas-sħubija fit-tul mal-istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, li hija tfittex li ssaħħa permezz tal-Ftehim ta' Sħubija mal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OACPS) li se tieħu post il-Ftehim ta' Cotonou. Flimkien mal-Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni (PCAs) tal-UE u ftehimiet kummerċjali ma' ħafna mill-imsieħba terzi tagħha, se tipprovdi l-bażi għal impenn politiku u strateġiku aktar b' saħħtu bbażat fuq valuri u objettivi komuni.

Kooperazzjoni mmexxija mill-UE għall-oċean

¹⁷ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/407

Sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU)

- Il-Kummissjoni tikkooopera regolarment ma' 93 pajjiż terz fil-qafas ta' kooperazzjoni amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-qabda stabbilita fir-Regolament IUU.
- Mill-2010, 27 pajjiż terz ġew innotifikati bil-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.
- 17-il pajjiż wettqu b'suċċess l-azzjonijiet meħtieġa u n-notifika tagħhom ġiet irtirata.
- L-UE hija parti għall-Ftehim tal-FAO dwar il-Miżuri tal-Istati tal-Port (PSMA), l-ewwel ftehim internazzjonali vinkolanti mmirat lejn is-sajd IUU.

Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs)

- L-UE bħalissa għandha 13-il protokoll tal-SFPAs fis-seħħ ma' pajjiżi terzi
 - disa' ftehimiet dwar it-tonn: Cabo Verde, il-Kosta tal-Avorju, Sao Tomé e Príncipe, il-Gabon, il-Gżejjer Cook, is-Seychelles, Mauritius, is-Senegal u l-Gambja (b'komponent għall-merluzz għall-aħħar tnejn)
 - erba' ftehimiet imħallta: Greenland, il-Marokk, il-Mauritania u l-Guinea-Bissau

L-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (ORĠS)

- L-ORĠS huma l-organizzazzjonijiet internazzjonali li jirregolaw l-attivitajiet tas-sajd reġjonali fl-ibħra internazzjonali.
- L-UE hija l-parti ewlenija fl-ORĠS madwar id-dinja u tipparteċipa f'ħames ORĠS tat-tonn u fi 13-il ORĠS mhux tat-tonn.
- L-UE u l-Istati Membri tagħha ppreżentaw żewġ proposti dwar l-MPAs lis-CCAMLR, waħda fl-Antartika tal-Lvant (mill-2012) u oħra fil-Baħar Weddell (mill-2016). Meta jiġu approvati, dawn l-MPAs se jiproteġu żona ta' 3,207 miljun kilometru kwadru. Dawn se jagħtu kontribut essenzjali għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u għall-protezzjoni tal-bijodiversità tal-baħar tal-Antartika.

Konvenzjonijiet Reġjonali dwar il-Baħar (RSCs)

- Il-Konvenzjonijiet Reġjonali dwar il-Baħar u l-Pjanijiet ta' (RSCAPs) jipprovdu oqfsa intergovernattivi biex tiġi indirizzata d-degradazzjoni tal-oċeani u tal-ibħra f'livell reġjonali.
- L-UE hija parti kontraenti għal tliet RSCs li jkopru l-ilmijiet tal-baħar tal-UE:
 - Il-Konvenzjoni ta' Helsinki – HELCOM (il-Baħar Baltiku),
 - il-Konvenzjoni OSPAR – OSPAR (il-Grigal tal-Atlantiku),
 - il-Konvenzjoni ta' Barcellona – UNEP-MAP (il-Mediterran).

Għodod oħrajn:

- L-UE għandha diversi djalogi u sħubijiet ta' livell għoli ma' sħab importanti, minbarra ż-żewġ Sħubijiet tal-Oċean dwar l-affarijiet tal-oċeani mal-Kanada u maċ-Ċina.
- L-UE tiżgura l-kooperazzjoni permezz tal-istrumenti finanzjarji tagħha, inklużi:
 - l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI)-Ewropa Globali
 - il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA).

2. LEJN IS-SOSTENIBBILTÀ TAL-OĊEANI SAL-2030

2.1 L-oċeani u t-tibdil fil-klima

L-oċċani u t-tibdil fil-klima huma relatati mill-qrib: l-oċċan u l-ekosistemi tiegħu huma essenzjali biex jirregolaw il-klima u fl-istess ħin huma affettwati ħafna mit-tibdil fil-klima. Għalhekk, l-azzjonijiet dwar l-oċċani u l-klima jridu jimxu id f'id. Pass pożittiv għal dan il-għan huwa d-deċiżjoni tal-UNFCCC meħuda fil-COP26 biex isir djalogu annwali dwar it-tibdil fl-oċċani u fil-klima biex jissaħħu l-mitigazzjoni u l-azzjoni ta' adattament tat-tibdil fil-klima tal-oċċani.¹⁸

Il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima tan-NU (IPCC)¹⁹ qajjem l-allarm dwar l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq l-oċċan.²⁰ Huwa enfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu drastikament l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u li tittieħed azzjoni ta' adattament sostnuta u b'saħħitha. Huwa essenzjali li l-azzjoni tiġi kkombinata fl-oqsma kollha, fl-oċċani u fl-art, filwaqt li jittieħed approċċ koordinat biex jiġu indirizzati kwistjonijiet interkonnessi tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis.

L-UE ankrat in-**newtralità klimatika sal-2050** fil-liġi tagħha, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, u hija impenjata li tnaqqas l-emissjonijiet tagħha ta' gassijiet serra (GHG) minn attivitajiet marittimi u li tagħmel progress kontinwu fl-adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet firxa ta' miżuri biex tiżgura li t-trasport marittimu tal-UE jikkontribwixxi biex jintlaħaq dan il-għan. Dan jinkludi standard ġdid dwar l-intensità tal-GHG tal-enerġija użata abbord il-bastimenti (FuelEU Maritime), l-estensjoni tas-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) għat-trasport marittimu, u reviżjoni tad-direttivi eżistenti dwar it-tassazzjoni tal-enerġija, l-infrastrutturi tal-fjuwils alternattivi u l-enerġija rinnovabbli.

Globalment, hemm fis-seħħ qafas regolatorju dwar l-effiċjenza enerġetika ta' bastimenti ġodda u miżuri tal-effiċjenza enerġetika għall-bastimenti eżistenti se jidhru fis-seħħ f'Novembru 2022. Qed issir ukoll ħidma biex jifasslu linji gwida dwar is-sikurezza għall-bastimenti li jużaw fjuwils alternattivi u s-sett li jmiss ta' miżuri konkreti ("ta' terminu medju"). L-UE pproponiet li l-prinċipji tal-IMO għal miżura globali tal-ipprezzar tal-karbonju jiġu kkombinati ma' standard ta' fjuwil ta' Gass Serra fil-livell globali. L-IMO nediet ukoll reviżjoni tal-Istrateġija Inizjali tagħha dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra mill-Bastimenti, bil-għan li ssaħħaħ il-livelli ta' ambizzjoni tagħha.

Bl-istess mod, l-UE se tkompli taġixxi fuq **id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tas-sajd** biex tnaqqas ukoll id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili (primarjament id-diżil)²¹, inkluż billi tesplora miżuri ta' mitigazzjoni u strateġiji u rkapti tas-sajd li jnaqqsu l-emissjonijiet²² u jtejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Bl-istess mod, qiegħda tanalizza l-avvanzi fix-xjenza u t-teknoloġija, b'mod partikolari mill-programmi qafas għar-riċerka tal-UE, bil-ħsieb li sal-

¹⁸ [Il-Patt Klimatiku ta' Glasgow](#) jirrikonoxxi l-oċċan taħt il-UNFCCC (il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima), bi stedina għall-flussi kollha ta' ħidma u għall-korpi kkostitwiti kollha biex jikkunsidraw l-integrazzjoni u t-tiħiħ tal-azzjoni bbażata fuq l-oċċani.

¹⁹ Special Report on the Ocean and the Cryosphere in a Changing Climate ikkumplimentat mis-sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC li għandu jidher fl-2022

²⁰ L-assorbiment tad-diossidu tal-karbonju (25 % tal-emissjonijiet tas-CO₂ mill-bniedem) u s-sħana żejda (90 % tas-sħana żejda tad-dinja tirriżulta mill-effett tal-GHG) jikkawżaw l-aċidifikazzjoni u t-tiħiħ tal-oċċani, li jwasslu għal żieda fil-livell tal-baħar, kundizzjonijiet estremi tat-temp, skurizzazzjoni tal-qroll, stratifikazzjoni, deossiġenazzjoni, żoni mejta u bidliet fil-produttività bijoloġika u fid-distribuzzjoni tal-ispeċijiet u tal-ħabitats.

²¹ Dan sar saħansitra aktar urġenti bħala riżultat tal-aggressjoni militari mir-Russja fuq l-Ukrajna u l-miżuri ta' kriżi introdotti biex jappoġġaw il-flotta tas-sajd tal-UE, ara [Sajd: it-tieni pakkett ta' miżuri ta' kriżi \(europa.eu\)](#)

²² Pereżempju, l-UE se tinvestiga ċerti tekniki tas-sajd li huma magħrufa li jiddisturbaw raggruppamenti tal-karbonju tas-sediment.

bidu tal-2023, jiġi żviluppat, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati kollha, Pjan ta' Azzjoni b'pariri u bl-aħjar prattiki dwar kif bastiment tas-sajd jista' jiġi mmodifikat biex ikun aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tiegħu. Din l-analiżi se tinkludi wkoll l-akkwakultura.

L-UE tqis li **l-enerġija eolika lil hinn mill-kosta u mill-oċeani** hija parti mis-soluzzjoni biex jintlaħaq l-għan tagħha li ssir newtrali għall-klima sal-2050, f'konformità mal-istrateġija tal-UE dwar l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta.²³ Għandha esperjenza unika fl-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u hija impenjata li tappoġġa l-iżvilupp tagħha madwar id-dinja kif kien il-każ sal-lum²⁴.

Soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura²⁵ jistgħu jipprovdu wkoll mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima billi jżidu l-użu u l-ħżin tal-karbonju, inaqqsu r-riskji kostali u billi jipprovdu diversi benefiċċji oħra bħal kwalità aħjar tal-ilma u reżiljenza akbar tal-ekosistemi u tal-komunitajiet.

Ir-rabta bejn it-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni tad-degradazzjoni tal-ekosistema u t-telf tal-bijodiversità

- *Ix-xenarji kollha tal-emissjonijiet matul is-seklu 21 jipproġettaw tnaqqis fil-bijomassa globali tal-komunitajiet tal-annimali tal-baħar u tal-potenzjal tal-qabdiet tas-sajd u bidla fil-kompożizzjoni tal-ispeċijiet.*
- *Dan se jippreżenta sfida għall-governanza internazzjonali u nazzjonali tal-oċeani u s-sajd. Bidliet fid-distribuzzjonijiet tal-istokkijiet tal-ħut bejn ġuriżdizzjonijiet ta' governanza jista' jiddestabilizza l-ftehimiet internazzjonali eżistenti dwar is-sajd u jżid ir-riskju ta' kunflitt internazzjonali.*
- *Id-domanda għall-ġestjoni tas-sajd transfruntier tista' tiżdied, b'enfażi partikolari fuq l-adattament u r-reżiljenza tar-riżorsi tas-sajd.*
- *Sabiex jissaħħu l-approċċi ta' prekawzjoni, l-UE se tkompli tibni mill-ġdid is-sajd sfruttat iżżejjed jew imnaqqas u tapplika strateġiji għall-ġestjoni tas-sajd.*²⁶

Fehim tal-punti kritiċi tal-ekosistema

- *It-titjib tal-kwantifikazzjoni tal-ħżin u tal-flussi tal-karbonju fl-ekosistemi tal-baħar u l-fehim tal-punti kritiċi tal-ekosistema xprunati mill-klima huma meħtieġa.*
- *Il-kostijiet u l-benefiċċji tat-tweġibiet għaż-żieda fil-livell tal-baħar ukoll jeħtieġ li jiġu kkwantifikati aħjar. Iż-żieda fil-livell tal-baħar jista' jkollha impatt ukoll fuq il-linji bażi li minnhom jiġu stabbiliti intitolamenti marittimi differenti, f'konformità mal-UNCLOS.*

Hemm interess dejjem akbar f'attivitajiet ta' assorbiment tad-diossidu tal-karbonju (CDR) ibbażati fuq l-oċeani. Il-Protokoll tal-Konvenzjoni ta' Londra jippermetti u jirregola l-qbid u s-sekwestru tal-karbonju f'formazzjonijiet ġeoloġiċi taħt il-baħar, u jipprojbixxi l-fertilizzazzjoni tal-oċeani ħlief għar-riċerka.²⁷

L-UE hija parti mill-KDB, li titlob li jiġi żgurat li ma sseħħ l-ebda attività ta' geoinġinerija relatata mal-klima li tista' taffettwa l-bijodiversità sakemm ikun hemm bażi xjentifika

²³ COM(2020) 741

²⁴ Eż. mal-Istati Uniti, mal-Indja, mal-Ġappun, mal-Vjetnam u mal-Afrika t'Isfel.

²⁵ UNEP/EA.5/Res.5

²⁶ IPCC, 2019: Special Report on the Ocean and Cryosphere in a Changing Climate tal-IPCC

²⁷ [Convention on the Prevention of Marine Pollution by Dumping of Wastes and Other Matter \(imo.org\)](https://www.imo.org)

adegwata li tista' tiġġustifika tali attivitajiet u kunsiderazzjoni xierqa tar-riskji assoċjati għall-ambjent u l-bijodiversità u l-impatti soċjali, ekonomiċi u kulturali assoċjati.²⁸

2.2 Il-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar

L-UE hija impenjata li twaqqaf it-tniġġis ta' kull tip, b'mod partikolari minn sorsi bbażati fuq l-art għall-baħar. It-tniġġis tal-plastik tal-baħar żdied b'għaxar darbiet mill-1980 u jeħtieġ rispons globali. Mill-adozzjoni tal-istrateġija tagħha dwar il-plastik (2018), l-UE kienet forza sinifikanti fl-indirizzar tat-tniġġis tal-plastik fuq livell internazzjonali permezz tal-isforzi diplomatiċi tagħha, u fl-Unjoni. Hija impenjata b'mod attiv fin-negozjati globali għal Ftehim Globali ambizzjuż u legalment vinkolanti dwar il-plastik sal-2024, kif miftiehem fil-UNEA5. Hija ddeterminata wkoll li tnaqqas drastikament it-tniġġis ibbażat fuq l-art tan-nutrijenti u tal-pestiċidi kimiċi, fost l-oħrajn mill-agrikoltura, u li tiegħu passi deċiżivi deskritti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal Tniġġis Żero. Id-deċiżjoni importanti tal-Konvenzjoni ta' Barċellona li tiġi ppreżentata proposta lill-IMO biex il-Baħar Mediterran jiġi ddeżinjat bħala żona ta' kontroll tal-emissjonijiet għall-ossidi tal-kubrit se tnaqqas b'mod radikali t-tniġġis mill-bastimenti.

Ir-riskju ta' tniġġis minħabba l-munizzjon mormi fl-ibħra jeħtieġ li jiġi indirizzat f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Huwa mistenni li, fil-ħames sa għaxar snin li ġejjin, it-tnixxijiet ta' sustanzi tossiċi minn munizzjon mormi matul l-Ewwel u t-Tieni Gwerra Dinjija se jżdiedu, u dan se jhedded l-ambjent tal-baħar u s-sikurezza tas-sajjeda u ta' baħħara oħra.

2.3 Il-promozzjoni tal-issodisfar tar-responsabbiltajiet tal-Istati tal-bandiera minn dawk li jaġixxu bħala reġistri miftuħa

L-UE qiegħda żżid l-isforzi tagħha biex tindirizza l-problemi mal-Istati tal-bandiera li jaġixxu bħala "reġistri miftuħa", magħżula minn xi operaturi tal-bastimenti biex jieħdu vantaġġ mill-konformità dgħajfa ta' ċerti Stati mal-obbligi internazzjonali jew il-kontroll fuq il-bastimenti (sajd u trasport marittimu) irreġistrati taħt il-bnadar tagħhom.

L-isfida tar-"reġistri miftuħa" u r-responsabbiltajiet tal-Istati tal-bandiera

- *Għas-sajd, in-nuqqas ta' kontroll adegwat fuq il-bastimenti tas-sajd tagħhom minn ċerti Stati tal-bandiera huwa wieħed mill-fatturi ewlenin li jikkontribwixxi għas-sajd IUU u l-UE jeħtieġ li tiżgura li l-Istati tal-bandiera kollha jirrispettaw l-obbligi internazzjonali tagħhom biex jiġġieldu s-sajd IUU.*
- *Is-sorveljanza dgħajfa intenzjonata tal-gvern minn dawn l-Istati tal-bandiera, flimkien mal-fatt li dawn l-Istati għandhom it-tendenza li jkollhom ftit kapaċità għar-regolamentazzjoni, huma raġunijiet konvinċenti biex il-kumpaniji jirreġistraw lil hinn minn pajjiżhom.*
- *Xi reġistri miftuħa magħrufa għall-implimentazzjoni dgħajfa tagħhom tal-liġi marittima jintużaw b'mod komuni minn xi sidien tal-bastimenti biex jevitaw l-obbligi tagħhom għal riċiklaġġ sostenibbli u sikur tal-bastimenti meta dawn ma jibqgħux jintużaw. It-tibdil tal-bandiera qabel iż-żarmar huwa Prattika komuni li xxekkel serjament l-effettività tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE li għandha x'taqsam mar-riċiklaġġ ta' bastimenti li ma għadhomx jintużaw.²⁹*

²⁸ Id-Deċiżjoni tal-KDB X/33 [UNEP/CBD/COP/DEC/X/33](#)

²⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013

F'dan il-kuntest, huwa essenzjali li l-UE tkompli tippromwovi t-trasparenza tas-sjieda benefiċjarja tal-istrutturi korporattivi, filwaqt li żżomm bastimenti rreġistrati fl-UE u barra minnha, biex tkun f'pożizzjoni li tidentifika dawk responsabbli għal attivitajiet illegali possibbli jew għal implimentazzjoni ħażina ta' obbligi internazzjonali u obbligi oħra fil-qasam marittimu, u fl-oqsma tas-sajd, l-ambjent, it-tassazzjoni, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tad-drittijiet tax-xogħol u tiegħu l-miżuri meħtieġa.

Huwa rilevanti wkoll fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar li s-sidien tal-bastimenti li jniġġsu apposta jistgħu jiġu identifikati malajr u b'mod effiċjenti. Minkejja r-regoli tal-UE għall-prevenzjoni tat-tniġġis mill-bastimenti għall-kunsinna ta' skart mill-vapuri, u minkejja żieda fl-isforzi ta' sorveljanza u infurzar,³⁰ xorta għadhom iseħħu skariki illegali taż-żejt u ta' sustanzi niġġiesa oħra b'mod regolari fl-ilmijiet Ewropej, u s-sejbien, u għalhekk in-numru ta' prosekuzzjonijiet, jibqa' baxx. Ġew identifikati diffikultajiet marbuta mal-infurzar tar-regoli fil-kuntest tranżnazzjonali tat-trasport marittimu b'differenzi fit-tipi u fil-livelli ta' sanzjonijiet fost l-Istati Membri tal-UE.

2.4 Nagħmlu t-tranżizzjoni lejn ekonomija blu sostenibbli globali

L-ekonomija blu³¹ mistennija tikber matul is-snin li ġejjin.³² F'konformità mal-approċċ tal-ekonomija blu tagħha, l-UE se tftitex li tippromwovi t-*tkabbir ekonomiku*, ittejjeb l-għajxien filwaqt li tiżgura l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u l-benesseri tal-komunitajiet kostali.

Barra minn hekk, il-frott tal-baħar jagħti kontribut importanti għas-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni. Bħala l-akbar suq fid-dinja tal-importazzjoni għall-prodotti tal-frott tal-baħar, l-UE qed tagħmel hiliha biex tissalvagwardja d-dħul fis-suq biss għal prodotti li jiġu akkwistati u prodotti b'mod sostenibbli. Tabilħaqq, il-ġestjoni effettiva tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli huma prekondizzjonijiet għal trasformazzjoni pożittiva tas-sistema tal-ikel.

Għal din ir-raġuni, permezz tar-Regolament IUU tagħha, l-UE għandha l-għan li tiżgura li l-ebda prodott tas-sajd li jinqabad illegalment ma jispiċċa fis-suq tal-UE. L-UE se tkompli ssaħħa il-politika tagħha billi tiżviluppa għodod xierqa tal-IT f'dan il-qafas, inkluża skema diġitalizzata ta' *ċertifikazzjoni tal-qabda*.

F'konformità mal-Istrateġija "mill-għalqa sal-platt",³³ il-Kummissjoni se tagħmel proposta leġiżlattiva għal qafas ta' sistemi tal-ikel sostenibbli biex tintegra s-sostenibbiltà fil-politiki kollha relatati mal-ikel u ssaħħa ir-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel inklużi l-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura. Se tikkunsidra rekwiżiti xierqa dwar is-sostenibbiltà għall-importazzjonijiet tal-ikel, f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-UE, b'mod partikolari fid-WTO. Il-qafas se jinkludi wkoll regoli dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-sostenibbiltà tal-ikel (tikketta tas-sostenibbiltà).

Ekonomija blu sostenibbli jeħtieġ li tkun sostnuta minn finanzjament sostenibbli. L-UE qed iżżid l-investiment fis-saħħa tal-oċeani u fit-trasformazzjoni lejn ekonomija blu sostenibbli. Il-pjattaforma ta' investiment "BlueInvest" tal-UE tuża l-finanzjament għal ekonomija blu sostenibbli fl-UE u lil hinn minnha.

³⁰ Id-Direttiva 2005/35/KE; Id-Direttiva (UE) 2019/883; <https://portal.emsa.europa.eu/web/csn>

³¹ "Ekonomija Blu" tfisser li jsir użu mill-baħar u mir-riżorsi tiegħu b'mod sostenibbli u b'viżjoni koerenti li żżomm l-impatt kumulattiv fuq l-ekosistemi tal-baħar taħt kontroll u tiżgura konsultazzjoni xierqa mal-partijiet ikkonċernati kollha.

³² Is-setturi tal-ekonomija blu stabbiliti jiġġeneraw 4,5 miljun impjieg dirett u fatturat ta' madwar EUR 650 biljun; [The EU blue economy report 2020 - Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE \(europa.eu\)](#)

³³ COM(2020) 381 final

Ir-Regolament tal-UE dwar it-Tassonomija għall-attivitajiet sostenibbli³⁴ jiddefinixxi l-finanzjament u l-investiment sostenibbli billi jfassal lista ta' attivitajiet ekonomiċi li huma ambjentalment sostenibbli. Huwa jistabbilixxi wkoll il-kriterji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għall-attivitajiet ekonomiċi. It-Tassonomija se tgħin biex l-investiment imur għal użi sostenibbli u għall-protezzjoni tar-riżorsi tal-baħar u se tiggwida lill-kumpaniji billi tiżgura li l-operazzjonijiet tagħhom ikunu allinjati ma' dan l-objettiv.

2.5 Ġestjoni integrata tal-oċeani permezz ta' żoni tal-baħar protetti u ppjanar spazjali marittimu

Id-domanda dejjem akbar għall-użu tal-oċean teħtieġ ippjanar integrat tal-ispazju marittimu li jqis l-interessi tas-setturi marittimi kollha u l-impatt tagħhom fuq l-ambjent tal-baħar, u l-kontribut tagħhom għat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità. Filwaqt li jibni fuq approċċ ibbażat fuq l-ekosistema, l-ippjanar tal-ispazju marittimu (MSP) jista' jappoġġa l-ilħuq ta' miri ta' konservazzjoni u restawr u jikkontribwixxi għal ekonomija blu sostenibbli. L-UE kisbet esperjenza sinifikanti f'dan il-qasam u qiegħda taħdem flimkien mal-IOC-UNESCO fil-promozzjoni tagħha fuq livell internazzjonali permezz tal-Inizjattiva globali tal-MSP.³⁵ L-użu tal-MSP jippromwovi l-kooperazzjoni transfruntiera u jgħin biex jiġu minimizzati l-kunflitti spazjali u jiġu ġestiti l-impatti kumulattivi madwar id-dinja.

L-UE tippromwovi network rappreżentattiv u ekoloġikament koerenti ta' MPAs ġestiti tajjeb u ta' miżuri ta' konservazzjoni effettivi oħra (OECMs) bil-għan li dawn iż-żoni jkopru 30 % tal-ispazju tal-baħar sal-2030. Dawn huma għodod ipprovati għar-restawr tal-bijodiversità u għall-konservazzjoni tal-istokkijiet, għall-kisba tas-sekwestru tal-karbonju naturali u għall-appoġġ ta' prattika sostenibbli.

3. L-IŻGURAR TAS-SIGURTÀ U S-SIKUREZZA FUQ IL-BAĦAR

3.1 Is-sigurtà fuq il-baħar

L-UE bħala fornitur tas-sigurtà marittima

- ***Is-sigurtà marittima hija prerekwiżit għal ekonomija blu sostenibbli kif ukoll għall-paċi u għall-istabbiltà b'mod ġenerali. Tipproteġi attivitajiet leġittimi kontra theddid attwali jew potenzjali marbut ma' operazzjonijiet ostili, illegali u perikolużi fuq il-baħar. Tippermetti l-fluss mhux ostakolat tal-kummerċ tul il-linji ta' komunikazzjoni tal-baħar. Tiffirma parti integrali minn approċċ komprensiv għall-governanza tal-oċeani.***
- ***Il-kompetizzjoni fl-ilmijiet internazzjonali u l-isfidi għall-ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli qed jiżdiedu.***
- ***L-UE, bħala attur tas-sigurtà marittima rikonoxxut fil-livell internazzjonali, toponi bil-qawwa kwalunkwe azzjoni unilaterali li tipperikola l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà fuq il-baħar u li tikser il-liġi internazzjonali.***
- ***F'konformità mal-UNCLOS, l-UE hija impenjata favur l-istat tad-dritt u favur l-iżgurar tal-paċi u s-sigurtà fuq il-baħar permezz ta' multilateraliżmu, arkitetturi reġjonali tas-sigurtà marittima bbażati fuq ir-regoli u billi taħdem mas-sħab ta' kooperazzjoni tagħha.***

³⁴Ir-Regolament (UE) 2020/852.

³⁵ <https://www.mspglobal2030.org/unesco-and-european-commission-launch-new-flagship-guide-on-msp/>.

F'konformità mal-Istrateġija tas-Sigurtà Marittima tagħha, l-UE tkompli ssaħħaħ ir-rwol tagħha bħala fornitur tas-sigurtà marittima fi ħdan u lil hinn mill-fruntieri tagħha. B'dan il-mod, hija tieħu approċċ transsettorjali għall-karattru li qed jevolvi tal-isfidi u t-theddid għas-sigurtà marittima, inklużi l-attakki ċibernetiċi u ibridi, l-impatti dejjem akbar tat-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u r-riskji li dawn jippreżentaw għall-istabbiltà u s-sigurtà. Se tagħti attenzjoni speċifika lill-ħtiġijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi tagħha, li huma partikolarment esposti għal dan it-theddid.

Il-Kumpass Strateġiku wkoll jikkonferma d-determinazzjoni tal-UE li tinvesti fis-sigurtà marittima u fil-preżenza globali tagħha biex tiżgura aċċess bla xkiel għall-korsiji tal-komunikazzjoni tal-baħar u żżomm il-liġi internazzjonali tal-baħar. Dan jistabbilixxi l-intenzjoni tal-UE li tagħmel użu sħiħ mill-politika ta' sħubija marittima tagħha, eż. permezz ta' żjarat fil-portijiet, eżerċizzji konġunti u bini tal-kapaċità.

L-UE se tkompli taħdem mas-sħab reġjonali tas-sigurtà marittima tagħha biex tindirizza ż-żieda fil-preżenza kemm tal-atturi globali kif ukoll dawk reġjonali, li wħud minnhom ma joqogħdux lura milli jużaw forzi irregolari f'żoni ta' instabbiltà, u b'hekk jimminaw l-isforzi internazzjonali favur il-paċi u l-istabbiltà, filwaqt li jiddestabilizzaw il-pajjiżi u l-ekonomiji tagħhom kif ukoll ikunu kompliċi fil-ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

L-UE se tkompli timmonitorja l-iżviluppi mill-qrib u twieġeb malajr għal kwalunkwe theddida għas-sigurtà marittima, filwaqt li tikkoopera mas-sħab tagħha bħan-NATO. Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tagħha fil-ġlieda kontra l-attivitajiet kriminali tranżnazzjonali fuq il-baħar, bħall-piraterija fil-Punent tal-Oċean Indjan u l-kuntrabandu u t-traffikar fil-Mediterran, l-UE se tkompli bil-ħidma tagħha biex tgħin fiż-żamma ta' aċċess miftuħ u sikur għall-ibħra internazzjonali. Għal dan il-għan, l-UE ddeċidiet li testendi l-implimentazzjoni tal-Preżenzi Marittimi Koordinati (CMP) fil-Golf tal-Guinea għal sentejn addizzjonali u li tniedi implimentazzjoni ġdida tas-CMP fl-Oċean Indjan tal-Majjistral. L-UE se tikkunsidra wkoll l-applikazzjoni tal-kunċett tas-CMP f'Żoni ta' Interess Marittimu (MAIs) potenzjali oħrajn. Barra minn hekk, se tkompli tgħin fil-bini tal-kapaċitajiet ta' pajjiżi terzi biex jimmonitorjaw id-dominju marittimu tagħhom u jiżguraw kapaċitajiet ta' sigurtà marittima u ta' infurzar tal-liġi.

3.2 Is-sikurezza fuq il-baħar u l-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti madwar id-dinja

Is-setturi tas-sajd u tat-tbaħħir huma kkaratterizzati minn kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli, perikolużi u ta' riskju għoli, li ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19. L-għadd ta' fatalitajiet u korrimenti għadu għoli b'mod inaċċettabbli. Il-ħaddiema migranti huma partikolarment vulnerabbli għal kundizzjonijiet prekarji, Prattiki abbużivi u trattament mhux ugwali.

Permezz tal-aġenda tagħha dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani u l-Politika Komuni tas-Sajd, l-UE tippromwovi xogħol deċenti fis-sajd f'konformità mal-objettivi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) u tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU (FAO) u f'kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab. L-UE se tkompli tippromwovi r-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-ħidma tal-ILO fil-Konvenzjoni tas-Sajd Nru 188, u standards internazzjonali rilevanti oħra³⁶, b'mod partikolari dawk stabbiliti fil-Konvenzjonijiet tal-

³⁶ L-istandards internazzjonali eżistenti għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tax-xogħol għandhom jiġu promossi u implimentati b'mod effettiv biex tiġi żgurata s-sikurezza fuq il-baħar għal kulħadd. Il-promozzjoni

ILO.³⁷ Għal dan il-għan, se tuża l-SFPAs, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni ta' sett koerenti ta' dispożizzjonijiet dwar il-governanza soċjali, u l-ORGS, fejn xieraq. Fi djalogi bilaterali u f'fora reġjonali u internazzjonali, l-UE se tindirizza x-xogħol furzat u forom oħra ta' xogħol li jiksru d-drittijiet tal-bniedem fil-qasam tas-sajd, inkluż meta jiġu identifikati fil-kuntest tal-ġlieda kontra s-sajd (IUU). Il-Komunikazzjoni dwar ix-xogħol deċenti madwar id-dinja³⁸ ssaħħa l-istrateġija tal-UE dwar il-promozzjoni tax-xogħol deċenti fil-livell globali, filwaqt li tidentifika strumenti ewlenin permezz tal-politiki tal-UE.

L-UE u l-Istati Membri tagħha huma wkoll fuq quddiem nett fit-titjib tal-leġislazzjoni dwar is-sikurezza marittima u fil-promozzjoni ta' standards ta' kwalità għolja fil-livell globali fl-OMI u fil-livell tal-UE wkoll. L-għan huwa li jiġi eliminat it-tbaħħir substandard, tiżdied il-protezzjoni tal-passiġġieri u tal-ekwipaġġi, jitnaqqas ir-riskju ta' tniġġis ambjentali, operazzjonali jew aċċidentali (eż. tixrid ta' żejt, telf ta' kontejners), u jiġi żgurat li l-operaturi li jseguw prattiki tajbin ma jkunux fi żvantaġġ kummerċjali meta mqabbla ma' dawk li jkunu lesti li jieħdu shortcuts fis-sikurezza tal-bastimenti. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jibbażaw fuq l-assistenza teknika u xjentifika tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima.

Is-sikurezza u s-sigurtà tas-sistema tat-trasport huma ta' importanza kbira, u l-UE tibqa' mexxejja dinjija f'dan ir-rigward. Il-leġislazzjoni tal-UE dwar ir-responsabbiltajiet tal-Istati tal-bandiera, il-kontroll mill-Istat tal-Port u l-investigazzjoni tal-aċċidenti tikkontribwixxi għal trasport marittimu sikur, sigur u effiċjenti. L-isforzi kontinwi mal-awtoritajiet internazzjonali, nazzjonali u lokali, mal-partijiet ikkonċernati u maċ-ċittadini huma kruċjali.

4. IL-BINI TAL-GĦARFIEN DWAR L-OĊEANI

Ix-xjenza, l-osservazzjoni, il-monitoraġġ u t-tbassir ambjentali tal-oċeani huma vitali għal **azzjoni bbażata fuq l-evidenza biex jiġu protetti u ġestiti b'mod sostenibbli l-oċeani**. Għad hemm **wisq lakuni fl-għarfien tagħna dwar l-oċeani**. L-azzjonijiet u s-soluzzjonijiet għall-kriżi tas-saħħa tal-oċeani u l-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli jiddependu fuq il-livell ta' għarfien, fehim u kapaċità tagħna għall-innovazzjoni.

L-UE hija impenjata favur id-Deċennju tan-NU tax-Xjenza tal-Oċean għall-Iżvilupp Sostenibbli 2021-2030. Il-politika Ewropea dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni tikkontribwixxi għal, tixpruna u taċċellera l-aġenda trasformattiva tal-Patt Ekoloġiku tal-UE.

Orizzont Ewropa: Programm ta' finanzjament ewleni tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni (2021-2027)

- *Orizzont Ewropa jipprovi madwar EUR 350 miljun fis-sena biex jiġu ffinanzjati kwistjonijiet marittimi u tal-baħar. Il-programm jappoġġa l-bini tal-għarfien dwar l-oċeani u jstimula ideat u inizjattivi ġodda biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-oċeani.*

ta' ratifika usa' u implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), 2006, kif emendata (MLC, 2006) hija ta' importanza ewlenija. Permezz tal-Politika Komuni tas-Sajd tagħha u d-dimensjoni esterna tagħha, l-UE tippromwovi xogħol deċenti fis-sajd f'konformità mal-oġġettivi tal-ILO, tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) u tal-FAO u f'kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab.

³⁷ Inkluż il-Konvenzjoni tal-OMI dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd (STCW-F).

³⁸ COM(2022) 66 final

- *Orizzont Ewropa jalloka EUR 110 miljun oħra fis-sena lill-Missjoni Ewropea “Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna sal-2030” għall-perjodu 2021-2023. L-għan tal-Missjoni huwa li turi soluzzjonijiet prattiċi għat-tindif tal-ilmijiet, għar-restawr ta’ ekosistemi degradati u biex issir it-tranżizzjoni tal-ekonomija blu lejn in-newtralità klimatika.*

L-UE hija mudell ta’ prattika tajba fil-**kondiviżjoni tad-data dwar il-baħar u tal-osservazzjonijiet dwar l-oċeani**. L-obbligu għall-pajjiżi tal-UE li jikkondividu d-*data* dwar il-baħar u li jikkooperaw fil-livell tal-UE u dak reġjonali biex itejbu l-għbir u l-monitoraġġ tad-*data* huwa stabbilit sew fl-MSFD u jista’ jiġi kkomplementat minn inizjattiva ta’ osservazzjoni tal-oċeani biex jiġi strutturat u armonizzat il-għbir tad-*data* dwar il-baħar fl-Ewropa. L-informazzjoni u d-*data* dwar l-istat tal-ibħra tal-Ewropa huma disponibbli fil-WISE Marine Information System for Europe³⁹ u fuq l-EMODnet. Is-Servizz tal-Baħar ta’ Copernicus⁴⁰ jipprovdi *data* dwar il-baħar b’xejn u miftuħa u monitoraġġ tal-oċeani f’ħin reali, tbassir u, flimkien mas-Servizz Copernicus għat-Tibdil fil-Klima⁴¹, servizzi ta’ monitoraġġ u ta’ tbassir tal-klima tal-oċeani, kemm għall-baċini tal-baħar tal-UE kif ukoll għall-oċean globali. L-UE hija sieħba b’saħħitha fl-Inizjattiva Future of the Seas & Ocean taħt il-G7 u l-inizjattiva GEO Blue Planet biex ttiprovdi informazzjoni dwar l-oċean u l-kosti lill-pubbliku. Id-diġitalizzazzjoni u l-għodod avvanzati jistgħu jottimizzaw u jappoġġaw is-sostenibbiltà tal-operazzjonijiet fuq il-baħar.

Il-programmi ta’ riċerka tal-UE se jappoġġaw il-għbir ta’ evidenza użata minn korpi xjentifiċi globali, inklużi l-bordijiet xjentifiċi indipendenti, il-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Bord dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) u l-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (IPBES) li jipprovdu appoġġ immirat għat-teħid ta’ deċiżjonijiet. **Interfaċċa esperta internazzjonali ġdida, jew waħda eżistenti mġedda, mix-xjenza għall-politika u viċi versa**, tista’ ġġib valur miżjud, tippromwovi s-saħħa u s-sostenibbiltà tal-oċeani, tevalwa l-għarfien u tappoġġa t-tfassil tal-politika.

L-UE qed tieħu azzjoni biex tippromwovi **l-litteriżmu fl-oċeani** u se tkompli tappoġġa l-azzjonijiet ta’ involviment taċ-ċittadini biex tappoġġa l-bidliet fil-perċezzjoni, fil-valuri, fl-attitudnijiet, u fl-imġiba personali li jippromwovu prattiki sostenibbli. L-UE bdiet ukoll kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Oċeanografika Intergovernattiva tal-UNESCO biex ittejjeb il-ħidma fuq il-litteriżmu fl-oċeani.

Id-diplomazija xjentifika ssaħħaħ il-fehim reċiproku u l-viżjonijiet u l-azzjoni kondiviżi. L-UE tilħaq lill-pajjiżi u lill-organizzazzjonijiet mhux tal-UE bis-sħubijiet ta’ riċerka, bil-proġetti u bil-finanzjament tagħha taħt Orizzont Ewropa u l-istrument Ewropa Globali. L-organizzazzjonijiet tal-ibħra reġjonali huma xprunaturi importanti tal-għarfien reġjonali dwar il-baħar u l-fehim reċiproku dwar l-istat tal-ambjent tal-baħar.

KONKLUŻJONI

B’din il-Komunikazzjoni Konġunta, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma mistiedna jżidu l-involviment għas-salvagwardja ta’ oċean nadif, b’saħħtu, produttiv u reżiljenti li jintuża b’mod sostenibbli taħt kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u ġusti, u dan kollu filwaqt li jiġu żgurati l-istabbiltà u s-sigurtà fuq il-baħar. Il-Komunikazzjoni Konġunta tibni mhux biss fuq ir-rwoli internazzjonali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha bħala sħab affidabbli u promoturi

³⁹ [WISE Marine — Marine Information System for Europe \(europa.eu\)](http://wise.marine.europa.eu)

⁴⁰ <https://www.copernicus.eu/en/copernicus-services/marine>

⁴¹ <https://www.copernicus.eu/en/copernicus-services/climate-change>

qawwijin tas-sostenibbiltà iżda wkoll bħala mexxejja bl-eżempju u atturi responsabbli bl-ambizzjoni li jgħollu l-istandards internazzjonali fuq skala inklużiva u mifruxa, flimkien mas-sħab internazzjonali permezz tal-mezzi kollha ta' kooperazzjoni filwaqt li jaġixxu flimkien għal għanijiet komuni.

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli se jaħdmu mal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill, mal-Istati Membri tal-UE u ma' istituzzjonijiet ikkonċernati oħra tal-UE u internazzjonali biex jimplimentaw dawn l-azzjonijiet.